MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 40/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
**Bujaila Ramadan Ali Benshibban**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Jannar, 2010, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fil-Gudja, mal-wasla tieghu f'Malta abbord titjira KM697 minn Tripli, Libja, naqas milli jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef Euro (€10,000) jew ekwivalenti lill-Kontrollur tad-Dwana.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Jannar, 2010 li biha, wara li rat ir-Regolament 3(4) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' flus ta' l-Avviz Legali nru. 149/2007 sabet lill-

appellant hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fik-konfront tieghu w ikkundannatu ghal multa ta’ €12,675.
Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-flus ezebiti favur il-Gvern ta’ Malta w dan wara li rat ir-Regolament 3(5) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta’ Flus ta’ l-Avviz Legali nru. 149/2007.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward ta’ htija w tirriforma s-sentenza billi tnehhi dik il-parti meta l-Qorti ordnat il-konfiska tal-flus ezebiti favur il-Gvern ta’ Malta w dan minhabba ragunijiet partikolari gia indikati.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi huwa veru li saret ammissjoni f’dan il-kaz u kienet wahda bikrija imma kif jinghad fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Olian Chikh** datata 31 ta’ Lulju, 2009 is-subregolament (2) tar-regolament 3 ta’ l-Avviz Legali 149/2007 jghid : *“L-obbligazzjoni li tigi dikjarata kull soma bhal dik imsemmija fis-subregolament (1) ta’ dan ir-regolament ma sehhx kemm-il darba dik il-persuna ma timliex il-formola li tapplika ghal dan il-kaz li tidher fl-Iskeda li tinsab ma’ dawn ir-regolamenti, u tipprezenta dik il-formola lill-Kontrollur meta tkun diehla jew hierga minn Malta, jew ghaddeja fi transit minn Malta”.* Il-fatt li f’dan il-kaz meta l-appellant u huh mal-wasla taghhom ghamlu d-denunzja tal-flus imma ma gewx infurmati mill-Awtoritajiet bil-mili tal-formola, wara li ghamlu dan il-Qorti kellha tiehu din in konsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-piena taghha.

Ikkunsidrat :

Dana huwa appell sabiex l-Ewwel Qorti tirrevoka l-konfiska tal-flus esebiti favur il-Gvern ta’ Malta minhabba ragunijiet partikolari ta’ dan il-kaz.

Irrizulta illi l-appellant kien fi triqtu lejn il-Belgju u waqaf Malta ghal gurnata biex ikun jista` jottjeni visa. Dana gabu, u ddikjara lill-awtoritajiet illi kellu aktar minn ghaxat elef Ewro, pero` ma giex infurmat li kellu jimla l-formola skond l-Avviz Legali 149/07 u b’hekk gie fi ksur tal-Ligi u gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuza illi naqas li jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef Ewro.

Wara ammissjoni, b’sentenza tal-20 ta’ Jannar, 2010 l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati, kkundannatu ghal multa ta’ tlett elef, hames mija, sebgha w tmenin Ewro u hamsin centezmi (€3587.50) u ordnat il-konfiska tal-flus favur il-Gvern ta’ Malta.

Ikkunsidrat :

Jidher illi ma hemmx kwistjoni dwar il-meritu peress illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant talab il-konferma tas-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-htija.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet “il-Pulizija vs Martin J. Camilleri” tal-20 ta’ Jannar 1995 fejn qalet fost affarijiet ohra “fuq ammissjoni tal-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni jew ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni .......”

Ma jirrizultax illi l-imputat ma kienx fehem in-natura tal-imputazzjoni, peress illi l-kawteli kollha tal-ligi gew osservati mill-Ewwel Qorti. Kwindi ladarba l-appellant ammetta l-akkuzi ma kellhix triq ohra hlief li tghaddi ghall-kundanna tieghu kif ghamlet.

Pero` l-appellant qieghed jilmenta illi stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu l-Ewwel Qorti ma kellhix tordna l-konfiska tal-flus.

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma dana l-argument.

L-artikolu 5 tal-Avviz Legali 149/2007 tal-External Transactions Act jghid car u tond li “the Court shall ....... order the forfeiture in favour of the Government of the undeclared amount in excess of LM4293 or the whole amount when the cash is indivisable”.

Il-kliem huwa car u ma jaghti ebda lok ghall-interpretazzjoni.

Il-konfiska tal-flus hija xi haga tassattiva illi ssegwi d-dikjarazzjoni ta’ htija w ma hemmx alternattiva ohra. Minkejja l-buona fede tal-appellant, ladarba kiser il-ligi u l-injoranza tal-ligi mihiex difiza, allura kellha bil-fors tapplika l-konfiska.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------